MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' April, 2008

Numru 730/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**Vs**

**Christopher Agius**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet li permezz taghhom Christopher Agius ta’ 34 sena iben Joseph u Antonia nee’ Clifton, imwieled il-Pieta’ fis-07.04.1971 u joqghod f’Nru 4, Flat 3, St. Anna Square, Floriana, detentur tal-karta tal Identita’ Nru. 182171M.

Billi huwa akkutat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-14 ta' Marzu, 2005 u/jew fil-granet ta' wara, ikkommetta serq li l-valur tal-haga misruqa ma hux izjed minn minn ghaxar liri liema serq huwa ikwalifikat biss bix-xorta tal-haga misruqa.

2) Talli f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ;

a) Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta bank privat, falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, bili holoq pattijiet, dispozzizjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jipprivaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni ta' firem tas-Sur Martin Farrugia u\jew persuni ohra fuq ircevuti u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess skritturi jew cekkijjiet jew ircevuti u ghamel qliegh tal' LM147.92 ghad detriment tas-Sur Martin Farrugia u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekkijiet, karti ta' krediti, ircevuti, illi meta jigu ppresentati wiehed jista' jircievi bihom hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u aktar talli ghamel uzu mill-istess karti msemmija u dan bi ksur tal-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor ngann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel titwemmen esitenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti  mmaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' madwar LM335 billi prezenta karti ta' krediti bi hsara ghal Martin Farrugia u/jew persuni ohra u dan bi ksur ta'-Artikolu 308, 309 u 310 (1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) Akkuzat oltre talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 26.01.1996 u 18.07.1997 liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula, dan bi ksur tal-Artikloli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok CL3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel akkuza, l-akkuza 2 a) u l-akkuza 2 c) migjuba kontra l-imputat inghataw bhala akkuzi alternattivi ghall-akkuza 2 b) migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza, l-akkuza 2 a) u l-akkuza 2 c) migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum id-Difiza u l-Prosekuzzjoni iddikjaraw li jaqblu li, nkwantu ghall-akkuza 3) migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ir-recidiva, l-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax u ghalhekk japplika biss l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukati difensuri tieghu, iddikjara li hu hati tal-akkuza 2 b) kif dedotta kontra tieghu u tal-akkuza 3) migjuba kontra tieghu inkwantu japplika biss l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza ta' l-avukati difensuri tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuza 2 b) kif dedotta kontra tieghu u tal-akkuza 3) migjuba kontra

tieghu inkwantu japplika biss l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 167, 169 u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Christopher Agius, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza 2 b) kif dedotta kontra tieghu u tal-akkuza 3) migjuba kontra tieghu inkwantu japplika biss l-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Christopher Agius ghall-piena ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin mill-lum l-imputat Christopher Agius jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-akkuza 3) migjuba kontra l-imputat Christopher Agius li tirrigwarda ir-recidiva, fid-dawl ta' dak dikjarat mid-Difiza u l-Prosekuzzjoni rigward din l-akkuza kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-akkuza 3) migjuba kontra l-imputat Christopher Agius u dan limitatament nkwantu ghall-applikabilita' tal-artikolu 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rigward l-ewwel akkuza, l-akkuza 2 a) u l-akkuza 2 c) migjuba kontra l-imputat Christopher Agius, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-imsemmija akkuzi kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza, l-akkuza 2 a) u l-akkuza 2 c) migjuba kontra l-imputat Christopher Agius.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Christopher Agius l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------